MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.

## ANTONIO MICALLEF TRIGONA

Seduta tat-18 ta' Marzu, 2015

Numru 209/2009

Il-Pulizija

(Spettur Maurice Curmi)

vs

Nutar Carmelo Lia

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat ta' karta ta' identita' numru 206532m, akkuzat talli f'April 2005 f'dawn il-Gzejjer:

1. ghamel falsifikazzjoni f'att awtentiku u pubbliku jew fi skrittura kummercjali jew ta' bank privat, b'falsifikazzjoni jew tibdil fl-iskrittura jew fil-firem, billi holoq pattijiet, disposizzjonijiet jew obbligi foloz jew helsien falz minn obbligi – artikolu 183 tal-Kap 9;
2. xjentement ghamel uzu minn dokument fakz – artikolu 184 tal-Kap 9;
3. ikkommetta tali reat fil-waqt li kien ufficjal pubbliku b'hekk sar hati ta' reat li kellu jissorvelja biex ma jsirx jew minhabba l-kariga tieghu kellu d-dmir li jimpedixxi – artikolu 141 tal-Kap 9;

Il-Qorti mitluba sabiex barra milli tapplika l-piena skond il-ligi tordna lill-imputat ihallas l-ispejjez li ghandom x'jaqsmu mal-hatra tal-esperti ai termini tal-artikolu 533 tal-Kodici Kriminali, Kap 9 tl-Ligijiet ta' Malta.

Rat ir-rinviju ghall-gudizzju tal-Avukat Generali li permezz tal-artikoli tal-ligi minnu citati bhat lill-imputat sabiex jigi ggudikat minn dina l-Qorti dwar il-htija jew nuqqas taghha tieghu;

Semghet luill-imputat jiddikjara li ma kellux oggezzjoni biex il-kawza tigi deciza sommarjament;

Semghet ix-xhieda;

Rat l-atti u d-dokumenti kollha;

Ikkonsidrat:

Il-fatti li taw lok ghal din il-kawza huma, fil-qosor, li fid-29 ta' Marzu tas-sena 2005 l-imputat irrediga kunvenju fuq inkarigu ta' certa familja Spagnol, senjatament il-missier Nazzareno u uliedu subentrati qua werrieta ta' ommhom, bhala l-vendituri, u certu Justin Cassar qua kompratur, koncenanti l-fond urban numru 19 f'Triq il-Knisja, Xghajra. Il-prezz tal-kompra vendita kien ta' ghoxrin elf lira maltin li minnhom il-kompratur hallas fuq il-kunvenju l-ammont ta' elfejn lira maltin, bil-kuntratt finali li kellu jsir sad-29 ta' Gunju 2005. Il-Qorti giet ippresentata biss b'kopja dattiljografata ta' dan il-kunvenju, di piu' esebita mid-dipartiment tat-taxxi interni, precisament b'dik il-kopja li giet sottomessa lil-imsemmi dipartiment mill-imputat kif tenut li jsir skond il-ligi. Jirrisulta li flimkien ma' din il-kopja tal-kunvenju, l-imputat kif tenut mill-Kap.364 ippresenta lid-dipartiment id-dokumenti li jinsabu a folio 20 sa 22 tal-process.

Fuq l-iskorta ta' dawn id-dokumenti, supplimentati minn dawk fost il-provi li jirriferu ghalihom, l-Qorti tirrijavvisa zewg istanzi li setghaw taw lok ghall-proceduri kontra l-imputat. Dawn l-istanzi huma: (i) li mill-kopja dattiljografata tal-kunvenju li kif gja nghad inghatat mill-imputat lid-dipartiment tat-taxxi interni jirrisulta li l-kompratur prospettiv kien iffirma fuq il-konvenju originali, redatt bil-kitba mill-imputat, waqt li l-provi juru li dan ma kienx hekk stante li bi svista hu ma kienx iffirma; (ii) li mid-dok. Folio 22, tirrisulta li hemm firma 'J Cassar' li gie sodisfacjentement ippruvat mhiex l-firma u l-anqas hi miktuba mill-istess kompratur prospettiv izda hi tan-Nutar, l-imputat odjern. Dan jirrisulta 'ex admissis' minnu stess fir-rigward liema asserixxa li dan huwa konsentit kuntrajament ghal dak asserit mill-ufficjal tad-dipartiment tat-taxxa li l-kontraenti ghandhom jiffirmaw salv li awtorizzaw lin-nutar jiffirma hu minflokhom.

Hu x'inhu l-kaz pero' l-Qorti mhiex behsieba tiddilunga fuq dan il-punt. Li hu car f'mohha hu li z-zewg istanzi jirrisultaw b'daqstant li l-kopja tal-kunvenju sottomess mill-imputat lid- dipartiment mhux korrett fil-waqt li jindika l-iffirmar tal-kompratur prospettiv fil-waqt li dan ma kienx il-kaz u jirrisulta 'ex admissis' li kien l-imputat li kiteb il-firma J.Cassar fuq id-dok folio 22.

Intant, l-Avukat Generali fir-rinviju ghall-gudizzju jillimita l-akkuzi fuq l-Artikolu 183, 184 u 141 tal-Kap 9. Ta' l-ewwel jipprospetta l-falsifikazzjoni ta' atti pubblici, kummercjali jew ta' bank privat minn persuni li ma jkunx ufficjali pubblici - artikolu dan, li palesament ma japplikax f'dawn il-proceduri u ma jistax japplika fil-konfront tal-imputat li huwa ufficjal pubbliku. Inversament, jinsab pruvat li kien l-imputata li sottometta d-dokumenti fuq riferiti lid-dipartiment b'hekk li gie hati taht l-Artikolu 184 izda mhux wkoll taht l-Artikolu 141.

Wara li rat l-Artikolu 184 u 189 tal-Kap 9 issibu hati taht l-istess. Ezaminat bir-reqqa c-cirkostanzi li taw lok ghal dawn il-proceduri. Wara li tafferma li l-Artikolu 190 tal-Kap 9 mhux applikabbli ghal dan

il-kaz. Tiddecidi li tapplika kontra l-imputat l-Artikolu 22 tal-Kap 446 ghal perjodu ta' sitt xhur mill-lum.

Il-Qorti spiegat lil-imputat r-responsabiltajiet tieghu skond is-sentenza.

## < Sentenza Finali >

--------------------------------TMIEM--------------------------------